# Regia ta' Malta
# Bullettin Leġjunarju

Settembru

**Prattika Spiritwali**

## <u>ALJENAZZJONI.</u>

Il-kappillan sikwit jippriedka li fis-soċjeta' hawn ħafna aljenazzjonijiet. Ġanna kienet tibgħat lit-tifel il-ħanut imma sakemm jasal, jinsa x'qaltlu  ommu għax il-vetrini jifxluh. Ngħidu li wieħed hu aljenat meta moħħu ma jkunx f'dak li suppost qiegħed jagħmel, meta jħalli d-distrazzjonijiet itellfuh u jisvijawh. Ikun aljenat meta ma jibqax jagħżel dak li hu tassew importanti minn dak li hu inqas importanti, kultant ukoll dak li hu tajjeb minn dak li hu ħażin. Il-ħafna possibiltajiet, interessi u l-istorbju li għandu f'qalbu, jagħmluha faċli għall-bniedem li jaljena ruħu. Periklu akbar jekk jaħdem waħdu. Fil-vanġeli il-kelma 'iblah' tindika din l-aljenazzjoni. Is-smigħ tal-Kelma t'Alla, il-konfrontazzjoni fil-grupp, il-mard, il-ħsieb tal-mewt, il-kritika, etc. igħinuna biex ma nkunux aljenati, biex inkunu ffokati. Marija ta' Nazaret hija l-mara ta' l-'hawn jien',ħielsa mill-aljenazzjoni.

**Iddiskuti:**

1. **Il-leġjunarju mhux ħieles mill-aljenazzjonijiet. Għaliex taħseb li hemm bżonn naqraw ir-regolamenti prinċipali kull xahar?**
2. **X'għajnuna joffri l-Leġjun ta' Marija lill-membri biex ma jidħlux fl-aljenazzjoni?**

***Dun Karm Gauci***

### Intenzjoni tal-Papa għax xahar ta' Settembru

## <u>il-Karba tad-Dinja</u>

Nitolbu li kull persuna tisma' u ġġarrab il-karba tad-dinja u tal-vittmi tad-diżastri naturali u tal-kriżi klimatika, ħalli nimpenjaw ruħna personalment biex nieħdu ħsieb tad-dinja li ngħixu fiha.

## Ħsieb għax-xahar ta’ Settembru

Matul dan ix-xahar nixtieq li nieħdu aktar bis-serjetà t-taħriġ tagħna fil-virtù tal-umiltà. L-umiltà titlob minna li nagħrfu ċ-ċokon, il-limiti u d-dgħufijiet tagħna u fl-istess waqt nagħrfu l-kobor, il-qdusija u l-għerf t’Alla. L-umiltà twassalna sabiex nagħrfu kemm ma nafux u kemm Alla jaf aħjar minna. Konsegwentement, l-umiltà se tgħina biex nagħrfu li Alla hu l-Imgħallem u aħna d-dixxipli. Mhux aħna se ngħallmu lil Alla, imma Alla se jgħallem lilna. Għaldaqstant, matul dan ix-xahar nissuġġerixxi biex għall-qari spiritwali jintużaw dawn is-siltiet: a) Fil 2, 5-8; b) Lq 18, 9-14; c) Mk 10, 35-45; d) Mt 23, 1-12. Importanti li mhux biss nisimgħu dan it-tagħlim qaddis imma nfittxu li nwettquh u ngħixuh fil-prattika. L-umiltà hija l-mediċina sabiex infiequ mill-kburija (li tinkludi wkoll l-arroganza). Niftakkru li l-kburija hija waħda mis-seba’ irjus tad-dnubiet il-mejta.

***Fr Ivan Attard o.p.***

## Papa Franġisku f’Singapore

Papa Franġisku mistenni jasal Singapore fil-11 ta’ Settembru għall-vjaġġ li se jdum sat-13 ta’ Settembru. Il-kumitati li qegħdin jieħdu ħsieb il-preparamenti ilhom jaħdmu minn xhur ilu fuq aspetti differenti ta’ dan l-avveniment. Il-kor li se jkanta waqt il-quddiesa li se jiċċelebra il-Papa hu magħmul minn 1,600 persuna, bejn tfal minn skejjel differenti u kbar minn parroċċi ta’ distretti differenti. Ma’ dawn hemm ukoll group mużikali kompost minn tfal ta’ skejjel differenti. Saru ħafna laqgħat biex jiġu koordinati ‘teams’ mediċi, wardens u voluntiera oħra biex il-quddiesa tkun organiżżata tajjeb. Il-kumitat għall-midja u komunikazzjoni ilu minn April joħroġ informazzjoni permezz ta’ kittieba, ‘videographers’ u edituri tal-midja soċjali biex iżommu il-publiku infurmat dwar dak li qiegħed isir. Qabel il-wasla tiegħu f’Singapore, il-Papa se jkun mar fi tlett pajjiżi oħra fl-Asja; fl-Indonesia bejn it-3 u is-6 ta’ Settembru, Papua New Guinea bejn is-6 u d-9 ta’ Settembru u anki il-gżejjer ta’ Timor Leste bejn id-9 u il-11 ta’ Settembru.

# Regia ta' Malta
# Bullettin Leġjunarju

Ottubru

## Prattika Spiritwali

<u>Inħobbok</u>

Kulħadd iħobb! L-importanti xi tħobb! Jew lill min tħobb. Ħieni min iħobb l'Alla. Is-Salmista jkanta: "ħieni l-bniedem li jibża' (jħobb) lill-Mulej! Li tħobb l-Alla huwa ferħ, huwa "fullfillment"! Għax kif qal tant tajjeb Sant' Wistin: "Mulej Int ħlaqtna għalik u qalbna ma tistrieħx ħlief fik!" Verità importanti, prezzjuża!

Ħieni min jgħixha. Staqsi lill Sant' Wistin: "Mulej, Int ħlaqtna għalik u qalbna ma ssibx kwiet sa ma tistrieħ fik! Ħija/Oħti leġjunarji, int se tkun ħieni f'ħajjtek daqs kemm tirrifletti fuq din is-sentenza.

***Mons Ruzar Borg***

## Intenzjoni tal-Papa għax xahar ta' Ottubru

**<u>Għal Missjoni Flimkien</u>**

Nitolbu biex il-Knisja tibqa' ssostni b'kull mod stil ta' ħajja sinodali, billi tinkoraġġixxi lis-saċerdoti, lir-reliġjużi u 'l-lajċi jkunu lkoll responsabbli bil-parteċipazzjoni flimkien f'missjoni waħda.

***X'jiswielek li tagħti xi ħaġa 'l Alla jekk Hu jitolbok ħaġa oħra?***

**Ħsieb għax-xahar ta' Ottubru**

Matul ix-xahar t'Ottubru, il-Knisja tħeġġiġna biex nitolbu u nimmeditaw it-talba tar-rużarju, b'aktar devozzjoni u dedikazzjoni. Għaldaqstant nixtieq nipproponi sabiex niffukaw fuq id-doċilità ta' Marija. Id-doċilità hija d-dispożizzjoni interjuri li neħtieġu sabiex nitgħallmu u nħallu lil Alla jgħallimna. Wieħed ma jistax jitgħallem jekk ma jkunx umli u jekk ma jagħrafx kemm ma jafx. Min jaħseb li jaf ħafna u hu minfuħ bih innifsu, ma jitgħallem qatt. Sidtna Marija hija xempju ta' fidi u umiltà vera, li wasluha biex tkun tassew dixxiplu. Biżżejjed naraw it-tħabbira tal-Anġlu. Sidtna Marija ma qagħditx tħaqqaqha mal-Anġlu, għalkemm ma kienetx taf u setgħetx tifhem x'se jiġri u kif se jiġri. Madanakollu, it-tweġiba tagħha kienet, "Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej: ħa jsir minni skont kelmtek" (Lq 1, 38). U ħalliet kollox f'idejn Alla biex imexxiha hu. X'jiswa li ngħidu
r-rużarju kuljum, jekk imbagħad ma nimitawx il-virtujiet ta' Sidna Ġesù u ta' Sidtna Marija?

***Fr Ivan Attard o.p.***

**Il-Knisja u l-Intelliġenzja Artifiċjali**

Fil-Vatkan Dr. Paolo Ruffini hu il-prefett għad-Dikasteru għall-komunikazzjoni. Dikasteru hu parti mid-dipartimenti fil-Curia Rumana bl-iskop li jmexxi 'l quddiem id-duttrina fuq il-Fidi u il-Morali. Dan l-aħħar Dr. Ruffini tkellem waqt avveniment tal-Knisja Kattolika fil-Filippini. Fid-diskors tiegħu saħaq li id-dinja diġitlai mhix ħaġa lesta u magħmula, imma hi fenomenu li jinbidel kontinwament u irridu inkunu aħna il-kattoliċi li nħallu l-marka tagħna fuq dawn il-bidliet. Għandna bżonn komunikaturi Kattoliċi li jkunu kapaċi jagħmlu dan b'imħabba u b'intelliġenza umana. "Il-punt bażiku mhumiex il-magni," qal Dr. Ruffini, "imma il-bniedem, aħna. Hemm, u dejjem għad ikun hemm, affarijiet li ma tistax tipprovdi it-teknoloġija, bħall-ħelsien, il-miraklu tal-laqgħa bejn persuna u oħra, bħal sorpriżi mhux mistennija, il-konverżjoni, il-ġenju uman, l-imħabba sħiħa."

***M'hemmx mezz aħjar biex naqilgħu dak li nitolbu***
***milli nitolbu biss dak li l-aktar jogħġob lil Alla***